Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,056, 19 ta' Mejju, 2023

Taqsima B

A.L. 110 tal-2023

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 54 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, il-Ministru għat-Trasport, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin: -

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 65.11.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolament prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) it-tifsira "*motor cycle*" tiegħu għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

"motor cycle" tfisser kwalunkwe vettura b'żewġ roti, b'sidecar jew mingħajrha, mgħammra b'magna ċilindrata ta' aktar minn 50ċm^3 jekk tat-tip ta' kombustjoni interna u, jew li jkollha veloċità massima ddisinjata ta' aktar minn 45km fis-siegħa, u tinkludi motor tricycle;";

(b) minnufih wara t-tifsira "karozza bil-mutur għall-mejtin" tiegħu għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

"kickscooter elettriku" jew "e-kickscooter" tfisser apparat li toqgħod bil-wieqfa fuqu li għandu manubriju, gverta u roti żgħar iebsin li jitħaddem b'mutur elettriku u li jippermetti wkoll il-propulsjoni umana;";

(ċ) fit-tifsira "vettura" tiegħu minnufih wara l-kliem "qawwa mekkanika" għandhom jiġu miżjuda l-kliem "u tinkludi motor cycle, e-kickscooter u, jew moped".

Jemenda r-regolament 67 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 67 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit

b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

"67. (1) Jekk fi kwalunkwe każ, minħabba l-preżenza ta' vettura bil-mutur fit-triq, iseħħ aċċident li jinvolvi korriment ta' persuna oħra jew ħsara lil kwalunkwe vettura, annimal jew proprjetà oħra, is-sewwieq tal-vettura bil-mutur għandu jieqaf u, jekk ikun meħtieġ li jagħmel dan minn uffiċjal tal-Pulizija, uffiċjal tal-komunità, uffiċjal ta' infurzar tal-Awtorità jew minn kwalunkwe persuna, li jkollha raġunijiet ġustifikati sabiex titlob li jsir hekk, jagħti l-isem u l-indirizz tiegħu, l-isem u l-indirizz tas-sid tal-vettura bil-mutur, id-dettalji tal-assiguratur tal-vettura bil-mutur kif ukoll il-marka jew in-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura.";

(b) is-subregolament (5) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(5) Salv id-dispożizzjonijiet tas-subregolamenti l-oħra ta' dan ir-regolament, meta kwalunkwe każ li japplika għalih is-subregolament (1) jikkonsisti f'aċċident li jkun jinvolvi korriment tal-persuna jew ħsara lil proprjetà pubblika, il-persuni involuti fl-aċċident għandhom minnufih javżaw lill-uffiċjal tal-komunità u, jew Uffiċjal ta' Infurzar tal-Awtorità u, jew lill-Pulizija, u għandhom jagħtuhom dik l-informazzjoni li tista' tkun meħtieġa b'dan ir-regolament.".

Jissostitwixxi r-regolament 73 tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 73 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bir-regolament ġdid li ġej:

"73. Is-sid ta' vettura bil-mutur għandu, meta jiġi mistoqsi minn membru tal-Korp tal-Pulizija jew l-uffiċjal ta' infurzar tal-Awtorità jew uffiċjal tal-komunità, jagħti kwalunkwe informazzjoni li tista' twassal lill-Pulizija jew l-uffiċjal ta' infurzar tal-Awtorità jew uffiċjal tal-komunità sabiex jidentifikaw kwalunkwe persuna li kienet qiegħda ssuq tali vettura bil-mutur meta kwalunkwe delitt u, jew kontravvenzjoni allegatament twettaq.".

Jemenda r-regolament 74 tar-regolamenti prinċipali.

5. Ir-regolament 74 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit b' dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(2) Ritratti, films, reġistrazzjonijiet bil-vidjo, immaġini elettroniċi jew kwalunkwe tip ta'

reġistrazzjoni permezz ta' xi apparat ta' sorveljar ta' parkeġġ, għandhom ikunu ammissibli bħala evidenza u għandhom jikkostitwixxu prova tal-kontenut tagħhom jekk dawn ikollhom mehmuż magħhom ċertifikat iffirmat minn uffiċjal tal-Pulizija jew uffiċjal ta' infurzar tal-Awtorità jew uffiċjal tal-komunità, fl-istess dokument jew f'dokument ieħor, dwar iċ-ċirkostanzi tad-data, il-ħin u l-post meta r-ritratt, film, reġistrazzjoni bil-vidjo, immaġini elettronika jew kwalunkwe tip ta' reġistrazzjoni oħra jkunu ġew prodotti.";

(b) is-subregolament (5) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(5) Is-sid tal-vettura li jiġi identifikat fi kwalunkwe dokument, rekord jew ċertifikat iffirmat imsemmi fis-subregolament (2) għandu jkun responsabbli għal kwalunkwe delitt u, jew kontravvenzjoni li jkun hemm prova dwaru fl-istess dokument, reġistrazzjoni jew ċertifikat iffirmat sakemm ma jintwerix li meta twettaq id-delittu, jew kontravvenzjoni s-sewwieq tal-vettura twaqqaf u ġie identifikat minn uffiċjal tal-Pulizija jew minn uffiċjal ta' infurzar tal-Awtorità jew minn uffiċjal tal-komunità minnufih jew immedjatament wara li jkun twettaq id-delitt u, jew kontravvenzjoni.";

(ċ) is-subregolament (9) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(9) Il-persuna li kontriha jiġi prodott ċertifikat skont is-subregolament (2) tista' teħtieġ l-attendenza tal-Uffiċjal tal-Pulizija jew Uffiċjal ta' Infurzar tal-Awtorità jew uffiċjal tal-komunità li jkun magħruf li ffirma ċ-ċertifikat għall-fini tal-kontro-eżami.".

Jissostitwixxi r-regolament 79 tar-regolamenti prinċipali.

6. Ir-regolament 79 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan ir-regolament ġdid li ġej:

"79. L-ebda persuna ma għandha, kemm-il darba ma tiġix ordnata tagħmel xort'oħra minn uffiċjal tal-Pulizija jew minn uffiċjal ta' infurzar tal-Awtorità jew minn uffiċjal tal-komunità, tipparkja jew tħalli waħedha kwalunkwe vettura bil-mutur jew trailer:

(a) f'distanza ta' tnax (12)-il metru minn kull naħa ta' xi bus stop jew fare stage, sakemm il-marki uffiċjali tat-triq jew is-sinjali tat-traffiku ma jindikawx mod ieħor;

(b) madwar roundabout tat-traffiku jew traffic island;

(ċ) fuq jew sa erba' (4) metri minn post ta' qsim għall-pedestrians, min-naħa li minnha jkun ġej it-traffiku, sakemm ma jkunx hemm bankina sporġuta 'l barra;

(d) fuq il-bankina sakemm ma jkunx indikat xort'oħra b'sinjali tat-triq;

(e) fi kwalunkwe post fejn il-marki tat-triq kif indikat fir-Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata jindikaw li l-parkeġġ huwa pprojbit; L.S.65.05.

(f) b'mod li jfixkel il-passaġġ ta' vettura li tkun ipparkjata sewwa; jew

(g) sa ħames (5) metri minn kwalunkwe kantuniera, liwja jew splay:

Iżda fil-każ ta' liwja jew splay, il-limitu ta' ħames (5) metri msemmi fil-paragrafu (g) għandu jiġi mkejjel minn fejn il-linji jaqsmu lil xulxin fl-allinjament tal-bini estiż fuq kull naħa taż-żewġ (2) toroq li jiffurmaw dik il-liwja jew splay:

Iżda wkoll fejn il-marki tat-triq indikati fit-Taqsima II D (f)(13) tar-Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata, f'kantuniera, liwja jew splay ta' xi triq partikolari ma jestendux għal-limitu ta' ħames (5) metri preskritti, dik it-tali projbizzjoni ma għandhiex bl-istess mod testendi għall-ħames (5) metri sħaħ u għandha tkun limitata għad-distanza koperta mill-imsemmija marki tat-triq.". L.S. 65.05.

Jissostitwixxi r-regolament 96 tar-regolamenti prinċipali.

7. Ir-regolament 96 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan ir-regolament ġdid li ġej:

"96. (1) Kull persuna li tkun qed issuq vettura bil-mutur għandha, meta jkun meħtieġ, tagħti avviż sabiex turi li ġejja billi ddoqq il-ħorn jew apparat ieħor.

(2) L-ebda persuna ma għandha tagħmel, iġġiegħel jew tippermetti li jsiru ħsejjes bla bżonn bi kwalunkwe ħorn tal-vettura bil-mutur jew bi kwalunkwe apparat ieħor ta' twissija.

(3) Kwalunkwe uffiċjal tal-Pulizija jew uffiċjal ta' infurzar tal-Awtorita jew uffiċjal tal-komunità jista' jipprojbixxi l-użu ta' kwalunkwe ħorn jew apparat ieħor ta' twissija li jkun storbjuż jew b'mod ieħor oġġezzjonabbli.

(4) Kwalunkwe uffiċjal tal-Pulizija, uffiċjal ta' infurzar tal-Awtorita jew uffiċjal tal-komunità jista' jordna t-tneħħija minn kwalunkwe vettura bil-mutur ta' kwalunkwe ħorn jew apparat ieħor ta' twissija li l-użu tiegħu huwa pprojbit taħt id-dispożizzjonijiet tas-subregolament (3).

(5) Id-disposizzjonijiet tas-subregolamenti (2), (3) u (4) ma għandhomx japplikaw għal xi vettura bil-mutur imsemmija fir-regolament 83(1) waqt li tkun fuq sejħa urġenti jew fi kwalunkwe emerġenza oħra.".

Jissostitwixxi r-regolament 115 tar-regolamenti prinċipali.

8. Ir-regolament 115 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan ir-regolament ġdid li ġej:

"115. (1) L-ebda persuna ma' tista' żżomm u, jew tagħmel użu minn xi telefon ċellulari li jinżamm fl-idejn waqt li tkun qed issuq vettura bil-mutur u, jew motor cycle u, jew e-kickscooter u, jew waqt li tali vettura bil-mutur u, jew motor cycle u, jew e-kickscooter jkunu weqfin fit-traffiku.

(2) L-ebda persuna ma' tista' tilbes fil-widna li hi l-eqreb lejn it-tieqa kwalunkwe apparat li jintlibes ġewwa jew fuq il-widnejn, jew kwalunkwe apparat simili, waqt li tkun qed issuq vettura bil-mutur u, jew waqt li tali vettura bil-mutur tkun wieqfa fit-traffiku;

(3) Ħadd ma jista' jilbes jew jagħmel użu minn apparat hands-free li jintlibes ġol-widna jew fuq il-widna jew kwalunkwe apparat simili fiż-żewġ widnejn waqt li jkun wieqaf fit-traffiku u, jew isuq xi motor cycle u, jew e-kickscooter.".

Jissostitwixxi r-regolament 124 tar-regolamenti prinċipali.

9. Ir-regolament 124 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bir-regolament ġdid li ġej:

"124. (1) Kull persuna li issuq jew ikollha fil-kontroll tagħha vettura bil-mutur għandha f'kull waqt tobdi minnufih kwalunkwe ordni, indikazzjoni jew sinjal mogħti jew magħmul minn uffiċjal tal-Pulizija jew minn uffiċjal ta' infurzar tal-Awtorità jew minn uffiċjal tal-komunità bil-għan li jiġi regolat it-traffiku jew għal kwalunkwe raġuni oħra fit-twettiq ta' dmirijiethom.

(2) Kwalunkwe persuna li xjentement tagħti lil kwalunkwe uffiċjal tal-Pulizija jew uffiċjal ta' infurzar tal-Awtorità jew uffiċjal tal-komunità filwaqt li jkunu qegħdin jaqdu dmirijiethom informazzjoni skorretta dwar isimha, kunjomha, in-numru tal-karta tal-identità, l-indirizz jew xi dettalji oħra u, jew dokument li jista' jkun meħtieġ skont il-liġi għandha tkun ħatja ta' kontravvenzjoni.".

Jemenda r-regolament 127 tar-regolamenti prinċipali.

10. Fis-subregolament (1) tar-regolament 127 tar-regolamenti prinċipali, fil-partita A taħt l-intestatura "Armati b'*tyres* pnewmatiċi", minnufih wara l-kliem "priġunieri ta' riskju għoli jew f'każ ta' emerġenza" għandhom jiġu miżjuda l-kliem ", uffiċjali ta' infurzar tal-Awtorita u uffiċjali tal-komunità f'każijiet ta' emerġenza".